

# Għaqda Mużikali San Ġużepp Ħal Għaxaq 1874-2014 140 sena ta' Storja

**Keith Fenech**
*B.Accty(Hons), Dip.Tax,FIA,CPA*

Din is-sena, is-soċi fi ħdan l-Għaqda Mużikali San Ġużepp, li hija l-akbar għaqda mużikali u soċjali li nsibu fir-raħal ta' Ħal Għaxaq qegħdin jiċċelebraw il-140 sena minn meta l-antenati tagħhom, b'qalb u b'kuraġġ kbir kienu waqqfu uffiċjalment l-Għaqda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq, bħala għaqda soċjali. F'din il-ġabra ta' tagħrif se nagħtu ħarsa lejn l-avveniment storiċi li għaddiet minnhom din l-għaqda matul dawn l-aħħar 140 sena mis-snin ta' qabel it-twaqqif tagħha sal-ġurnata tal-lum u kif minn għaqda soċjali ġiet ittrasformata għall-għaqda mużikali u soċjali kif nafuha llum.

Insibu li għalkemm fl-1870 kien infetaħ l-ewwel każin f'dar li kien hemm f'19, Sqaq San Ġużepp, maġenb il-knisja parrokkjali, kien fl-1874 meta bħala riżultat tad-devozzjoni dejjem tiżdied lejn San Ġużepp kien ġie deċiż li jitwaqqaf uffiċjalment l-ewwel każin soċjali ġewwa r-Raħal ta' Ħal Għaxaq bl-isem ta' Każin San Ġużepp.

Fis-6 ta' Ġunju tal-1886, din is-soċjetà kienet ħadet deċiżjoni għaqlija ħafna. Missirijietna kienu ddeċidew li jwaqqfu banda fi ħdan il-każin San Ġużepp. L-ewwel Surmast Direttur ta' din il-Banda kien Mro Napoleone Caruana Dingli (1858-1933). Dakinhar il-Banda Filarmonica San Giuseppe ta' Ħal Għaxaq kienet għamlet l-ewwel programm mużikali tagħha fil-pjazza tar-raħal. Il-kliem tal-inawgurazzjoni kien għamlu s-Sur A. Randon. Wara kien sar riċeviment kbir fis-seda tas-Soċjetà. B'riżultat ta' dan, ir-rispons tan-nies lejn il-każin kompla jikber, u għalhekk xi snin wara minħabba li l-każin li kellhom kien żgħir, kien ġie deċiż li s-soċjetà titrasferixxi ruħha għal ġo post ikbar li din kienet akkwistat u li kien fil-pjazza tar-raħal, eżattament flok il-każin li għandna llum.



Fis-sena 1911, xi partitarji Ġużeppini kienu avviċinaw lis-Surmast Pawlino Vella biex ikompli fejn kien ħalla Mro Napoleone Caruana Dingli. Dan ġara minħabba li l-Banda tagħna kient waqfet milli taqdi l-funzjonijiet tagħha għal xi żmien minħabba li prattikament il-bliet u l-irħula kollha ta' Malta u Għawdex kienu ntlaqtu mill-marda tal-kolera.

Sentejn wara, fl-1913, is-Surmast Pawlino Vella waqqaf uffiċjalment din l-orkestra l-ġdida u kienet għamlet l-ewwel programm mużikali tagħha taħt id-direzzjoni tiegħu stess f'dik l-istess sena.

L-1932, kienet sena speċjali ħafna kemm għas-soċjetà tagħna u kif ukoll għal Ġużeppini Ghaxqin kollha, minħabba li f'Novembru ta' dik is-sena ġewwa r-raħal ta' Ħal Għaxaq kienet waslet fost kbir l-istatwa tant għażiża u devota ta' San Ġużepp. Din kienet inġiebet mill-Belt Taljana ta' Milan wara li nħadmet mid-*Ditta Fratelli Bertarelli*. F'dik l-istess ġurnata kienu żżanżnu wkoll il-pedestall ta' taħt l-istatwa flimkien mar-raġġieri ta' San Ġużepp u l-Bambin u l-ġilju t'idejn San Ġużepp li huma lkoll tal-fidda. L-istatwa kienet waslet ir-raħal f'kaxxa tal-injam fuq karettun li kien twassal ir-raħal minn żewġt iżwiemel bojod.

Fl-1934, Mro Paulino Vella, li kien personalità mħarreġ tajjeb ħafna fl-arti mużikali, biddel l-orkestra f'banda formali ta' 45 bandist, wara li kienet ilha 21 sena ddoqq bħala orkestra.

Fl-1936, il-Gvernatur Sir Charles Bonham Carter għamel żjara uffiċjali fir-raħal u fil-każin tagħna nhar l-14 ta' Novembru. Waqt din iż-żjara hu kien irregala l-istandard tal-*Union Jack* lill-Każin San Ġużepp.

Matul dik l-istess sena, fis-27 ta' Diċembru kien miet Mro Paulino Vella u kien dakinhar stess li l-banda li kien għadu kif stabbilixxa huwa stess kienet semmgħet leħenha għall-ewwel darba fil-funeral tiegħu li kien sar ġewwa Bormla.



Biex jimlew il-vojt kbir li ħalla warajh Mro Pawlino Vella, il-kumitat kien ħatar minfloku lil Mro Gregory Scicluna. Tajjeb ngħidu li s-Surmast Scicluna kien minn Ħal Għaxaq.

Fl-1937, il-kumitat tas-Soċjetà kien ħass il-ħtieġa li ssir induratura kif jixraq fuq il-libsa ta' San Ġużepp u tal-Bambin. Fil-fatt din l-induratura saret il-Belt Valletta f'ħanut li kien jinsab fi Triq San Kristofru. Fl-istess sena kienu żżanżnu wkoll l-erba' gastri tal-fidda għal fuq il-bradella tal-istatwa ta' San Ġużepp u kif ukoll l-erba' gastri li jintramaw mal-Assunta fil-

festa ta' Santa Marija li tħallsu hekk: waħda minnhom mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp u t-tlieta l-oħra minn partirarji Ġużeppini. Fil-fatt isem dawn in-nies jinsab minqux fuq il-parti ta' wara ta' dawn il-gastri.






Fl-1942, Mro Gregory Scicluna, kontra qalbu, kellu jħalli l-Banda tagħna u floku għażlu lil Mro Salvu Azzopardi li kien minn Ħal Luqa, biex imexxi l-Banda ta' din is-Soċjetà.



Fl-1946, sewwa sew fit-8 u fid-9 ta' Ġunju, is-Soċjetà kienet ħadet sehem bis-sħiħ permezz tal-Banda tagħha fiċ-ċelebrazzjonijiet tar-rebħa ta' pajjiżna fi tmiem it-2 gwerra dinjija bħala sinjal ta' radd ta' ħajr lil Alla.

Fl-1947, kien ħa t-tmexxija tal-Banda f'idejh, il-Karkariż, Mro Carmelo Camilleri A(Mus) L.C.M.

Fit-30 ta' April tal-1949, fil-kappella tas-Soċjetà tagħna stess kienet saret iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni u t-tberik tal-bandalora uffiċjali tas-Soċjetà flimkien ma' żewġ standardi oħra. Fit-2 ta' Jannar tal-1951, il-Gvernatur Sir Gerald Greasy, flimkien ma' Lady Greasy, kien għamel żjara uffiċjali lis-soċjetà tagħna. Waqt din iż-żjara, kien inkoraġġixxa



lil kulħadd għall-iżvilupp dejjem akbar tal-arti mużikali. Matul l-istess sena wkoll kienet saret il-konsagrazzjoni tas-Soċjetà Ġużeppina lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija mill-Kappillan Dun Ġużepp Naudi.

Fl-1954, ġie mżanżan l-istandard uffiċjali ta' din is-soċjetà. Sena qabel, il-Kumitat kien iddeċieda li jinkoraġġixxi lil Emanuel Vella u Lorenzo Buttigieg biex jieħdu l-inizjattiva u jieħdu ħsieb il-ġbir għall-ispejjeż ta' dan l-istandard. Dan l-istandard kien inħadem b'ħajt tad-deheb mis-Sorijiet Vincenza Borg, Rose Vella u Ġemma Giardinello fuq disinn ta' Emmanuel Buhagiar mir-Rabat. Dan l-istandard kien qam lis-Soċjetà s-somma ta' Lm230.



Fl-1956, it-tmexxija tal-Banda għaddiet f'idejn is-Surmast Għaxqi Mro Felix Atanasio A(Mus) L.C.M. biex imbagħad, ħames snin wara fl-1961 il-kariga ta' Surmast Direttur tal-Banda tagħna ġiet afdata lil Mro J. M. Barbara li kien miż-Żejtun. Dan kien l-aktar Surmast li dam jidderieġi l-Banda tagħna.



L-1970, kienet sena kerha ħafna għas-Soċjetà tagħna. Kien il-Ħadd 15 ta' Frar għall-ħabta tas-12.45pm meta splużjoni qawwija kienet heżżet ir-raħal kollu u anke xi rħula oħra fil-viċinanzi. Kienet splodiet il-kamra tan-nar tas-Soċjetà tagħna u f'din l-isplużjoni kienet tilfu ħajjithom ħames membri. Dakinhar ir-raħal kollu kien bkiehom.

Fl-1971, kienu nżebgħu mill-ġdid il-karneġġjun tal-uċuħ, l-idejn u r-riġlejn ta' San Ġużepp u tal-Bambin tal-istatwa artistika ta' San Ġużepp. Waqt li kien qed isir dan ix-xogħol tnaddfet ukoll l-induratura kollha tal-istatwa. Dan ix-xogħol kien sar mill-artist Tarxiniż, Raphael Bonnici Calì. Ir-rikors biex isir dan ix-xogħol sar fl-1968.

Fl-1974, sar ċelebrazzjonijiet kbar biex jiġu ċċelebrati kif jixraq il-festi li kienu jfakkru ċ-ċentinarju mit-twaqqif ta' din l-Għaqda. Il-lapida komemorattiva li tfakkar dan iċ-ċentinarju kienet inkixfet mill-Onorevoli Avukat Anton Buttigieg B.A. L.L.D. deputat Prim Ministeru, nhar id-29 ta' Settembru.

Fl-1982, tmien snin wara ċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju, fl-imħuħ tal-membri tal-kumitat ta' din



l-Għaqda kien beda jberren il-ħsieb li jitkabbar il-każin u sussegwentament kienet inxtrat fuq in-naħa ta' wara tal-każin.

Tliet snin wara, fl-1985, inxtrat il-kumplament tal-art li fuqu kien mibni l-każin u permezz t'hekk l-art tal-każin kienet saret kollha proprjetà tas-Soċjetà. Matul dik l-istess sena ġie mwaqqgħa l-każin l-antik biex floku jinbena każin ġdid, akbar u aktar modern biex ikun jista' jaqdi aħjar il-ħtiġijiet tas-Soċjetà. L-ewwel ġebla tal-każin il-ġdid kienet tpoġġiet nhar il-Ħadd 28 ta' Lulju 1985, u kienet tbierket minn Dun Karm Farrugia.



Fl-1987, it-tmexxija tal-Banda kienet għaddiet f'idejn is-Surmst Andrew Coleiro li huwa minn Tas-Sliema. Taħt it-tmexxija tiegħu l-Banda kellha x-xorti li jkollha wħud mill-aqwa marċi brijużi li kien hawn f'pajjiżna mill-pinna tas-Surmast direttur tagħha stess. Fost ix-xogħol li ħallilna nsibu l-Innu tal-Banda.

Fid-19 ta' Marzu tal-1991, fil-jum tal-festa liturġika ta' San Ġużepp, fir-raħal ta' Ħal Għaxaq kienet waslet minn ġewwa l-gżira Għawdxija l-istatwa artistika ta' San Ġużepp. Din l-istatwa ġiet irregalata lis-Soċjetà tagħna mis-Sur Mario Dimech u hija xogħol il-bravu statwarju Għawdxi Michael Camilleri Cauchi. Biex jiġi mfakkar kif jixraq dan l-avveniment kien sar marċ madwar it-toroq tar-raħal li kien akkumpanja din l-istatwa l-ġdida. Din l-istatwa mbagħad bdiet tintuża



minn dik is-sena stess waqt il-marċ tal-Ġimgħa u għalhekk kienet ħadet post l-istatwa ta' San Ġużepp l-antik biex tiġi evitata kull ħsara li setgħet issirilha mill-elementi.



Fl-1994, inħatar Surmast mal-Banda tagħna Mro Raymond Fenech F.L.C.M., L.(Mus) L.C.M., A(Mus) L.C.M. Piano Tech (A.P.S.), li huwa minn Raħal Ġdid u għadu jmexxi l-Banda tagħna sal-lum.

L-1995, kienet sena impenjattiva ħafna għall-Għaqda tagħna speċjalment għall-Banda. Fit-22 ta' Jannar ta' dik is-sena, fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Għaxaq li kien qiegħed jiġi ċċelebrat għall-ewwel darba, il-Banda San Ġużepp tellgħet programm mużikali ta' livell għoli ħafna u ħarġet bl-unuri kollha u kienet iddistingwiet ruħha permezz tas-solisti tal-post li l-Banda tipposjedi. Fl-istess okkażjoni kienet esegwiet programm Mużikali l-Banda Santa Marija wkoll.

Aqwa minn hekk, kien nhar is-17 ta' Frar, fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mit-traġedja tal-kamra tan-nar, meta l-Banda San Ġużepp tellgħet akkademja mużikali fil-knisja parrokkjali. Din kienet l-ewwel akkademja mużikali li ttellgħet fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq u kienet ġiet imfaħħra mill-mezzi tax-xandir radjofaniċi u televiżivi kollha għal-livell għoli li kien intlaħaq dakinhar. Kienet sena ta' suċċessi għall-Banda San Ġużepp.



Sena wara, sewwa sew bejn l-10 u l-15 ta' Mejju tal-1996, is-Soċjetà tagħna kienet ġiet mistiedna mid-diriġenti tal-villaġġ turistiku ta' Città del Mare fi Sqallija biex tħalli xtutna u tmur hemmhekk biex tinawgura l-ftuħ uffiċjali tal-istaġun turistiku ta' dik is-sena. Flimkien mal-Banda kien tela' wkoll kontingent ta' 180 partitarju u waqt li kienu hemm il-Banda kienet għamlet programmi ta' livelli għoli ħafna fis-sala prinċipali ta' dan il-kumpless turistiku.

Fl-1999, ġiet irrestawrata u indurata mill-ġdid l-istatwa artistika ta' San Ġużepp l-antik u saret ukoll burdura tad-deheb fuq il-libsa ta' San Ġużepp

tal-marċ tal-Ġimgħa mis-Sinjuri Anthony Dimech u Emanuel Pulo.

Barra minhekk is-sena 1999, kienet taħbat ukoll il-125 anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp ġewwa Ħal Għaxaq. Bla dubju ta' xejn ġew iċċelebrati festi kbar biex ifakkru dan l-avveniment hekk storiku fl-istorja ta' din is-Soċjetà. Nhar l-Erbgha 2 ta' Ġunju sar marċ bl-istatwa artistika u devota ta' San Ġużepp l-antik. Tajjeb ngħidu li din l-istatwa fl-antik kienet l-istatwa li kienet toħroġ mill-Knisja Parrokkjali fil-festa. Dan il-marċ sar biex tiġi nawgurata l-induratura l-ġdida li kienet saret fuq din l-istatwa u l-ħsieb kien li dak il-marċ kellu jkun l-aħħar wieħed li kien akkumpanjat minn din l-istatwa. Fi tmiem dan il-marċ din l-istatwa tpoġġiet ġo niċċa apposta li hemm fil-każin tal-istess soċjetà għall-qima tal-partitarji Ġużeppini.



Is-sena 2000, hija s-sena li żgur li se tibqa' tiġi mfakkra għal bosta u bosta snin minħabba li din is-sena kienet taħbat is-sena li matulha ġiet imwettqa l-ħolma tal-Ġużeppini Għaxqin kollha. Sa mill-1985, il-Ġużeppi Għaxqin kienu ħadmu bla heda fuq il-bini tal-Każin il-ġdid tagħhom. Il-Kumitat ħadem bla heda tul l-aħħar ftit xhur ta' qabel l-ewwel festa tal-millenju l-ġdid li matulha kellu jiġi nawgurat il-bini tal-Każin il-ġdid. Ix-xewqa tal-Kumitat ma kinitx biss li l-każin jiġi nawgurat iżda li l-każin ikun attrezzat b'dak kollu possibbli u li jixraqlu. Biex jiġi ċċelebrat kif jixraq dan l-avveniment saru festi kbar mifruxa fuq dsatax-il ġurnata bejn is-Sibt 20 ta' Mejju u l-Erbgħa 7 ta' Ġunju. Il-qofol ta' dawn il-festi kien il-Ħadd 28 ta' Mejju. Il-wegħda li kienet saret lill-partitarji kienet li l-każin jiġi nawgurat fil-festa tas-sena 2000 u l-Kumitat ma xtaqx li jiddiżappunta lill-partitarji tiegħu. Fil-fatt hekk sar u l-appuntament tant mistenni kien nhar il-Ħadd 28 ta' Mejju, sewwa sew ġimgħa qabel ma kienet se tiġi ċċelebrata l-ewwel festa tal-Millenju l-Ġdid ġewwa r-raħal ta' Ħal Għaxaq.



Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet waqt dan il-jum ittella' programm kolassali fil-pjazza ċentrali tar-raħal taħt il-patroċinju tal-E.T. il-Prof. Guido Demarco, President ta' Malta. F'diskors qasir tal-okkażjoni huwa ddeskriva l-Każin bħala: "il-Meravilja tal-Għaxqin u Meravilja tal-Maltin u l-Għawdxin kollha." Waqt dan il-Kunċert Vokali u Strumentali ndaqq għall-ewwel darba l-Innu l-Kbir bl-isema *Lil Ġużeppi – Ġilju li jfewwaħ*, li huwa kompożizzjoni ta' Mro Raymond Fenech F.L.C.M., L.(Mus) L.C.M., Piano Tech (A.P.S.). Il-lirika tiegħu nkitbet minn George Bianchi. Fi tmiem dan il-programm inkixfet irħama komemorattiva mill-President ta' Malta u l-Każin ġie mbierek mill-Kappillan tar-raħal Fr Joe Caruana. Wara saru żewġ riċevimenti kbar wieħed għal mistednin distinti u l-ieħor għas-soċi kollha.

Sena wara fl-2001, inkitbet ġrajja oħra li se tibqa' minquxa b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' din l-Għaqda. Kien nhar il-Ħadd 4 ta' Frar, meta l-Għaqda Mużikali San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq irnexxiela tegħleb bosta diffikultajiet u esportat xogħol ta' logħob tan-nar tal-art lejn il-Ġappun. B'hekk l-Għaqda Mużikali San Ġużepp irnexxiela tkun l-ewwel soċjetà li rnexxiela tesporta logħob tan-nar tal-art lejn il-Ġappun u dan wara li rnexxiela tegħleb kompetizzjoni minn soċjetajiet oħra.

Fl-20 ta' Jannar tas-sena 2002 twaqqfet uffiċjalment, waqt seduta ġenerali, Banda taż-Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali San Ġużepp. L-isem ta' din il-Banda huwa ta' *Banda Żgħażagħ San Ġużepp Ħal Għaxaq*. Tajjeb ngħidu li din hija l-ewwel u l-unika Banda taż-Żgħażagħ li ġiet imwaqqfa fir-raħal ta' Ħal Għaxaq. Din il-Banda esegwit l-ewwel programm mużikali tagħha waqt il-festa tas-sena 2002.

Avveniment ieħor importanti li seħħ matul is-sena 2002 kien il-programm mużikali li l-Banda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq esegwit nhar is-Sibt 13 ta' April fis-Sala Muniċipali Filippo Castagna tal-iskola primarja ta' Ħal Għaxaq fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Għaxaq. B'hekk il-Banda San Ġużepp saret l-ewwel Banda li qatt esegwit programm mużikali ġo din is-sala.



Fid-19 ta' Marzu tal-2003, f'Jum il-Festa Liturġika tal-Kbira Patrijarka San Ġużepp, twettqet ħolma oħra tal-Ġużeppini Għaxqin. Dakinhar ġiet inawgurata statwa artistika ta' San Ġużepp maħduma fil-ġebel. Din l-istatwa tpoġġiet fuq pedestall tal-ġebel fil-parti ta' wara l-Knisja ta' Triq Santa Marija. L-ispejjeż kollha inkonnessjoni ma' din l-istatwa li se tkompli ssebbaħ ir-raħal sabiħ ta' Ħal Għaxaq ġew imħallsa mil-eks segretarju tas-Soċjetà tagħna, is-Sur Mario Dimech. Il-kxif ta' din l-istatwa, li hija replika tal-istatwa devota ta' San Ġużepp li nsibu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq, sar waqt programm mużikali tal-għola livell li ġie esegwit mill-Banda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq. Waqt din iċ-ċerimonja s-Sur Mario Dimech irregala din l-istatwa lill-President tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp, is-Sur Marvic Abela, li rċieva din l-istatwa f'isem il-Ġużeppini Għaxqin kollha. Aktar tard, b'sens ċiviku, din l-istatwa ġiet mgħoddija lill-poplu Għaxqi li kien rappreżentat mis-Sindku, is-Sur J. M. Abdilla.



Sena eżatt wara, f'Marzu 2004, il-Banda wettqet kisba kbira oħra. Fid-19 ta' Marzu tal-2004, il-Banda San Ġużepp kellha l-unur li ssir l-ewwel Banda li tesegwixxi l-Innu ta' Ħal Għaxaq. Dan l-Innu huwa kompożizzjoni ta' Mro Raymond Fenech li huwa s-Surmast direttur tal-Banda tagħna u għandu versi tas-Sur Angelo Vella li huwa wkoll soċi fi ħdan l-Għaqda Mużikali San Ġużepp. Dan l-innu ndaqq quddiem il-każin tal-Għaqda tagħna fi tmiem marċ li kien qed jiġi ċċelebrat fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' San Ġużepp fil-preżenza tas-Sindku, tal-Kappillan tar-raħal u tal-poplu Għaxqi.

Fl-1 ta' Mejju tas-sena 2005, l-Għaqda Mużikali San Ġużepp ħasbet biex tiċċelebra kif jixraq il-50 Anniversarju mill-Proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala Patrun tal-Ħaddiema mill-Papa Piju XII. Biex jiġi ċċelebrat kif jixraq dan il-jum, l-Għaqda Mużikali San Ġużepp iddeċidiet li jsir programm ta' attivitajiet speċjali. Għal din l-okkażjoni l-istatwa devota ta' San Ġużepp inħarġet min-niċċa u tpoġġiet fuq l-artal maġġur għal ftit jiem. Nhar l-1 ta' Mejju, fid-9.00am, ġiet iċċelebrata quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq. Fi tmiem din il-quddiesa diversi Għaqdiet u dinjitarji mir-raħal tagħna ngabru quddiem l-istatwa tal-ġebel ta' San Ġużepp fejn inkixfet lapida b'talba lill-Patrijarka San Ġużepp u tpoġġew xi bukketti ta' fjuri quddiem din l-istatwa.

Għal dik l-okkażjoni żżanżan ukoll il-ħadid li jdawwar l-istatwa ta' San Ġużepp. Fi tmiem dik iċ-ċerimonja ngħata bidu għal marċ brijuż li beda minn ħdejn l-istatwa u dar mat-toroq prinċipali tar-raħal.

Matul is-sena 2006, iż-żgħażagħ Ġużeppini ħasbu biex jipproduċu *musical* ad unur il-kbir patrijarka San Ġużepp. Dan il-*musical* li jġib l-isem ta' *Jien Ġużeppi* huwa *musical* oriġinali u saru xejn inqas minn tliet rappreżentazzjonijiet tiegħu bejn il-Ġimgħa 5 u l-Ħadd 7 ta' Mejju fl-istitut Kattolika l-Furjana. Dan ix-xogħol mill-isbaħ kellu kompożizzjoni ta' Domnic Galea u lirika ta' Raymond Mahoney, filwaqt li l-produzzjoni kienet afdata f'idejn Żep Camilleri. Trio li bla dubju ta' xejn bħal m'għamel f'okkażjonijiet preċedenti, ħareġ bl-unuri kollha għax flimkien ma' kast formidabbli ta' kantanti, atturi, żeffiena, extras u voluntiera oħra li ħafna minnhom kienu minn Ħal Għaxaq stess, kisbu suċċess mill-aqwa u paxxew lil mijiet ta' Maltin li għoġobhom jattendu waqt dawn ir-rappreżentazzjonijiet. Kien xogħol mill-aqwa li ssemma u ġie mfaħħar fuq il-mezzi tax-xandir u minn dawk kollha li rawh.

L-2007, kienet sena impenjattiva ħafna għall-Għaqda Ġużeppina. L-ewwel avveniment importanti seħħ fid-19 ta' Marzu bl-inawgurazzjoni tal-maħżen il-ġdid. Ix-xogħol fuq dan il-maħżen beda fl-2003 u permezz tat-tlestija tiegħu, is-Soċjetà llum il-ġurnata għandha maħżen ta' aktar minn 800 metru kwadru mifruxa fuq tliet sulari. L-irħama komemorattiva inkixfet mill-President tas-soċjetà s-Sur Marvic Abela, filwaqt li l-maħżen tbierek mill-Kan. Dun Mario Said, Kappillan tar-raħal waqt marċ li sar mill-Banda San Ġużepp mat-toroq tar-raħal.

Fit-30 ta' April, il-Fabbrika tan-nar San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq, ipparteċipat għall-ewwel darba fil-festival internazzjonali tan-nar li sar fil-Port il-Kbir, fejn minbarra li rebħet il-kategorija tal-aqwa sinkronizzar tan-nar tal-mużika, ikklassifikat fit-tieni post fil-klassifika ġenerali. Ftit ġimgħat wara, fil-5 u s-6 ta' Mejju saru żewġ rappreżentazzjonijiet oħra tal-*musical Jien Ġużeppi*, fl-istitut Kattoliku l-Furjana li għal darb'oħra reġgħu kienu ta' suċċess kbir.

Fit-30 ta' Novembru, fl-okkażjoni tal-75 anniversarju mill-miġja tal-istatwa ta' San Ġużepp fir-raħal, sar pellegrinaġġ *aux flambeaux* li kien immexxi minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Dan il-pellegrinaġġ bl-istatwa ta' San Ġużepp sar fi tmiem quddiesa li ġiet iċċelebrata mill-istess Isqof u li għaliha attendew il-fratelli tal-fratellanzi ta' San Ġużepp li nsibu fil-gżejjer Maltin.

Is-sena 2008, tibqa' mfakkra għal numru kbir ta' snin bħala s-sena tal-bradella. Fis-17 ta' Mejju, waqt akkademja mużikali li saret mill-Banda San Ġużepp taħt il-Patroċinju tal-E.T. il-President ta' Malta Dr Edward Fenech Adami, ġew inawgurati l-bradella



u l-bankun tal-istatwa ta' San Ġużepp. Permezz ta' dan ix-xogħol mill-isbaħ twettqed ħolma oħra tal-Ġużeppini Għaxqin li kienu ilhom jistennew xejn inqas minn 75 sena. Fil-fatt id-disinn ta' din il-bradella sar fl-1933 mis-Sur Carmelo Tonna. Ix-xogħol fuq dan il-kapolavur ra l-bidu tiegħu fl-2006. Il-mastrudaxxa nkarigat mix-xogħol tal-injam ta' din il-bradella kien l-Għaxqi Michael Ellul li kien kontinwament assistit minn ibnu Owen li minbarra li kien ta' daqqa t'id tajba fuq il-lant tax-xogħol, kien inkarigat mix-xogħol kollu ta' ħadid li sar fil-bankun u s-sistemi tal-*hydraulic* li saru biex jiffaċilitaw l-użu ta' din il-bradella.



Ix-xogħol tal-iskultura sar minn Adrian Caruana li huwa mill-Qrendi. Id-disinji tal-panewijiet tal-bronż saru minn Ġanni Bonnici li huwa mill-Mosta, filwaqt li x-xogħol tal-bronż ta' dawn il-panewijiet sar mill-brunżar Joe Chetcuti li huwa mill-Kalkara. Il-lostru tal-bradella u l-bankun saru minn Mario Ellul li huwa minn Ħal Għaxaq. Fi tmiem l-Akkademja nkixfet irħama komemorattiva fil-każin biex tfakkar dan l-avveniment u wara sar festin kbir għall-mistednin distinti fis-Sala Nażaret.

Fis-27 t'Awwissu tal-2010, il-Kamra tan-Nar tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp ipparteċipat għall-ewwel darba f'kompetizzjoni tan-nar barra minn xtutna. Din il-kompetizzjoni kienet l-20 Edizzjoni tal-Gran Premju Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar li jsir ta' kull sena ġewwa Bilbao. Il-kompetituri l-oħra kienu l-kumpanija Pablo mill-Awstrija, il-kumpanija Toste minn Tenerife, Foti tal-Awstralja u l-favoriti netti; il-Pirofantasia Ricardo Caballer. L-ispettaklu tal-Kamra tan-Nar tagħna nħaraq nhar is-27 t'Awwissu fl-10.15pm u dam 23 minuta. Kien spettaklu li għaġġeb lil kulħadd. Huwa stmat li dan il-festival jattendu għalih mal-250,000 persuna kull sena. Il-kompetizzjoni għalqet il-Ħadd 29 t'Awwissu u r-riżultat tħabbar dakinhar stess fil-11.15pm. B'sodisfazzjon kbir id-diriġenti spanjoli ħabbru li r-rebbieħa tal-20 Edizzjoni tal-Gran Premju Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar kienu l-Kamra tan-Nar San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq.



Ovvjament immedjatament mar-riżultat kien hemm ċelebrazzjonijiet spontanji kemm fil-belt ta' Bilbao mill-Maltin li kienu hemm u kif ukoll fil-pjazza ta' Ħal Għaxaq. Il-kontinġent wasal fl-ajruport internazzjonali ta' Malta fejn intlaqa' minn mijiet t'Għaxqin u kif ukoll mill-Banda San Ġużepp nhar it-Tlieta 31 ta' Awwissu, filwaqt li fit-12 ta' Settembru sar il-marċ tar-rebħa li fi tmiemu l-Ambaxxatriċi Spanjola għal Malta ppreżentat it-trofew tar-rebħa lil-licencee is-Sur France Caruana.

Matul l-istorja ta' din l-Għaqda nsibu li minn żmien għal żmien din kompliet tikber mhux biss mill-aspett organizzattiv tagħha imma kien hemm ukoll mumenti meta anke kabbret il-portafoll ta' propjetà immobbli li tipposjedi biex tkun tista' taqdi l-bżonnijiet dejjem jiżdiedu biex tkun tista' tiffunzjona u tilħaq l-oġġettivi prinċipali tagħha bl-aħjar mod possibbli. L-iżjed addizzjoni riċenti f'dan ir-rigward huwa x-xiri ta' proprjetà ġdida li tmiss mal-parti ta' wara tal-każin u li għandha wkoll entratura separata minn sqaq ieħor. Ix-xiri ta' din id-dar ġie approvat waqt seduta ġenerali straordinarja li saret nhar it-18 ta' Marzu 2012 u nfetħet uffiċjalment għall-pubbliku għall-ewwel darba nhar id-19 ta' Marzu 2012 waqt marċ li sar fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' San Ġużepp. Il-kuntratt finali li permezz tiegħu l-Għaqda Mużikali San Ġużepp saret is-sid ta' din id-dar li għandha *footprint* ta' 240 metru kwadru sar nhar it-23 t'April 2013.

Meta tieqaf u taħseb ftit biex tagħti ħarsa lejn dak kollu li ġara tul dawn il-140 sena ta' storja, żgur li kull Għaxqi li f'ġismu għandu jbaqbaq demm Ġużeppin, illum iħossu kburi li jagħmel parti minn din l-akbar Soċjetà li nsibu ġewwa r-raħal tagħna. Bl-istess mod naħseb ukoll li llum jinsabu kburin u żgur ma jiddispjaċihomx dawk l-antenati tagħna, li llum żgur li m'għandhomx magħna, tad-deċiżjoni għaqlija li kienu ħadu fl-1874 li jwaqqfu din l-Għaqda.